MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1396/1998/1

**Filcar Company Limited u Carmelo Magro**

**v.**

**Jimmy Vella f'ismu proprju u ghan-nom u in-rapprezentanza**
**tas-socjeta` Jimmy Vella Limited kif debitament awtorizzat**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma proprjetarji ta’ l-ghalqa u pussessuri taghha f’tal-Wej limiti tan-Naxxar; illi fil-bidu ta’ Gunju 1998 l-konvenut wadbilhom ramel fl-ghalqa taghhom oltre li kkawzalhom hsarat ingenti; illi l-konvenut ad insaputa ta’ l-attrici (*sic*) qabad u waddab ir-ramel fl-ghalqa taghhom tant li kkawzalhom spoll recenti u vjolenti; illi dan l-agir gara inqas minn xahrejn ilu; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tar-rimi tar-ramel fl-ghalqa tal-Wej fil-limiti tan-Naxxar proprjetà ta’ l-atturi liema agir jikkostitwixxi spoll ricenti u vjolenti li sar ad insaputa ta’ l-atturi; 2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex jergghu iqeghdu kollox fl-istat pristinu tieghu qabel ma sar l-ispoll u jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali fi zmien qasir u perentorju taht is-sorveljanza ta’ Perit Arkitett biex hekk l-ghalqa f’Tal-Wej, Naxxar, tkun fil-pussess shih ta’ l-atturi; 3. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali taht is-sorveljanza ta’ Perit Arkitett biex b’hekk ir-ramel li gie mwaddab fil-proprjetà taghhom ossija fl-ghalqa Tal-Wej, limiti tan-Naxxar tigi ripristinata fl-istat pristinu taghha u kwalsiasi ramel jigi mnehhi a spejjez tal-konvenuti; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi, konfermata bil-gurament mill-attur Carmelo Magro, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Preliminarjament illi l-kawza hija dezerta stante illi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fiz-zmien perentorju stabbilit mill-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Jimmy Vella mhux il-legittimu kontradittur stante illi huwa qatt ma agixxa personalment;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi, jew min minnhom, ma jgawdux il-pussess ta’ l-ghalqa *de quo*;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jezistux l-elementi kollha mehtiega ghall-azzjoni ta’ spoll;
5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, konfermata bil-gurament mill-konvenut Jimmy Vella, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza ta’ l-erbatax (14) ta’ Novembru, 2000 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
“… tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici, b’dan li:-
1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront ta’ l-atturi meta qabdu u rmew r-ramel fl-ghalqa tal-Wej, fil-limiti tan-Naxxar, liema agir jikkostitwixxi spoll ricenti u vjolenti li sar ad insaputa ta’ l-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jirripristinaw u jirreintegraw lill-atturi fil-pussess ta’ l-art billi jitnehha r-ramel kollu hemm mormi u jgibu l-art u l-ghalqa *de quo* f’Tal-Wej, Naxxar, fl-istat prestinu taghha u fil-pussess shih ta’ l-atturi, u dan ix-xoghol ta’ tnehhija ta’ l-istess ramel ghandu jsir taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Tekniku René Buttigieg li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop;

3. Tiddeciedi li fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat fiz-zmien fuq prefiss, din il-Qorti tawtorizza lill-atturi li a spejjez tal-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet kollha mehtiega sabiex jitnehha r-ramel kollu li gie mwaddab fl-ghalqa *de quo*, b’dan li l-istess ghalqa tigi mqeghda fl-istat prestinu taghha qabel il-kummissjoni ta’ l-ispoll in kwistjoni, u dan ukoll taht is-sorveljanza u d-direzzjoni tal-Perit Tekniku René Buttigieg A.I.C. innominat ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez kollha inkluzi tal-Perit Tekniku fuq nominat kontra l-konvenuti”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“**IV. <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>**

"Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* ta' l-**artikolu 534 ta' l-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 791 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi skond l-istess artikoli tal-ligi u a bazi tal-gurisprudenza nostrana, huwa risaput li t-tlett rekwiziti ta' l-*actio spolii* huma:

i) *possedesse*
ii) *spoliatum fuisse*
iii) *infra bimestre deduxisse*

"Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said** (Citazzjoni numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u **Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe** (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

"(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess ta' l-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjetà jew servitù, izda anke **<u>purament materjali jew di fatto</u>**, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** - App. 26 ta' Jannar 1996).

"(b) 'L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest' (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** - P.A. H.H. 21 ta' Frar 1983), però '*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*' (Vol. XXXVII. p. II, pg. 642); b'dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** - Vol. X - p. 55, 56).

"In effetti fis-sentenza **Marthese Borg vs Gorg Borg** (P.A. - 25.2.93) inghad li:

‘*L-univocità ta’ tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spoljattiva tal-pussess stess*.’

“Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza ta’ l-Appell fl-ismijiet **Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut** (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Qorti ta’ l-Appell sostniet li:-

‘*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’mod konklussiv li kellu un possesso di fatto u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni*.’ (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** - P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).

“(c) Illi a bazi ta’ l-**Artikolu 791(3) tal-Kap. 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li :-

‘*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-att ta’ l-ispoll*.’

“Hekk il-kawza **Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et** (P.A. FGC - Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta’ Gunju 1998 gie riaffermat li:-

‘*Il-ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi:*

*(a) <u>il-fatt</u> ta’ pussess/detenzjoni u*
*(b) <u>il-fatt</u> ta’ spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f’ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x’jghidu guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta’ l-ordinament guridiku taghna*’ (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** - Appell 9.3.1992).

“Ta’ l-istess portata hija s-sentenza **Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar** (Citazzjoni numru

1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentuat li:-

'*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija intiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*'

kif jghid bl-aktar mod car l-Artikolu 791(1) tal-Kap. 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

"(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volontà tal-pussessur b'mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** - P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** - P.A. JSP 30.4.1991).

"(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiexc ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** - P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** - Appell 23.1.1998).

"(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabilit fis-sentenza **Alfred Pisani et vs Victor Farrugia** (P.A. FGC - 21 ta' Jannar 1994).

'*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv*.'

"(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni ta' l-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza **Norman Vassallo vs Filomena Esposito** (Appell - 18 ta' Gunju 1993) inghad li:

'*meta tinghatha l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi,il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah*.'

"**V. KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI**

"Illi l-konvenuti f'dawn il-proceduri ma xehdux. Illi minkejja dan, din il-Qorti xorta trid tara jekk l-atturi lahqux il-grad ta' prova rikjesta.

'*Illi, jibqa' dejjem validu u applikabbli, qabel kull principju iehor tad-dritt, illi kienu l-atturi li kellhom jippruvaw il-htija li kienu qed jaddebitaw lill-konvenuta. Onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*.' (**Mary Bonello vs Sylvia Fsadni** - Appell - 11 ta' Marzu, 1998).

"Illi mix-xhieda moghtija mill-atturi jirrizulta illi xi persuna jew persuni qabdu u tefghu vjagg ramel f'parti mill-art li huma ghandhom u li hija maghrufa bhala *ic-Cens tas-Sghajtar* limiti tan-Naxxar.

"Illi mill-istess xhieda jirrizulta illi l-atturi kellhom xi kwistjoni fuq parti mill-art ma' Jimmy Vella, l-konvenut f'dawn il-proceduri. Din il-kwistjoni inqalet meta l-atturi riedu jaghmlu *boundary wall* mal-art minnhom mixtrija u l-konvenut Jimmy Vella qal lill-attur Carmelo Magri '*illi huwa ghandu bicca minn din l-art li huma kienu akkwistaw*.' Oltre dan, meta l-imsemmi attur Carmelo Magro [ip]prova '*jiccirkonda l-art kollha b'hajt, Jimmy Vella waq[q]fu milli jaghmel hekk*.'

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti mic-cirkostanzi tal-kaz u mix-xhieda moghtija mill-atturi, almenu fuq bazi ta' probabilità jirrizulta illi kienu l-konvenuti li ddeponew dan ir-ramel fuq din l-art.

"Illi dan jirrizulta mix-xhieda attrici, fejn jidher car mill-unici provi prodotti li l-unika kwistjoni li kien hemm fuq l-art *de quo*, mertu ta' l-ispoll odjern, kienet biss ma' l-istess

konvenut li kien qiegħed jippretendi li bicca mill-istess għalqa kienet tiegħu tant li l-istess konvenut kien l-unika persuna li [p]prova jkollu access għall-istess proprjetà u sahansitra ttenta jwaqqaf lill-atturi milli jibnu hajt divizorju u wkoll li jitfgħu materjal fuq l-istess art tagħhom u dan f'aktar minn okkazzjoni wahda.

"Illi għalhekk stabbilit li l-atturi kellhom il-pussess u anke l-proprjetà ta' l-art *de quo* jirrizulta kemm mix-xhieda prodotta, u anke fuq bazi ta' verosimilianza, li kien il-konvenut li kkometta l-allegat spoll nonostante li x-xhieda okulari ma gietx provduta; però dan m'għandux u ma huwiex ostakolu sabiex jintlaqgħu it-talbiet attrici, stante li huwa principju ormai stabbilit li l-verosimilianza hija wkoll forma ta' korraborazzjoni.

"Illi *di più* jekk kif isostni l-konvenut, (u dan fid-dikjarazzjoni tiegħu annessa mac-citazzjoni [*recte*: man-nota ta' eccezzjonijiet] - peress li huwa għazel li ma jixehedx f'din il-kawza) huwa ma agixxiex personalment il-Qorti thoss li hija stramba kif nonostante li ingħatat lilu l-opportunità biex jixhed il-konvenut baqa' ma xehedx quddiem din il-Qorti; dan hu aktar sorprendenti aktar w aktar meta fl-istess dikjarazzjoni huwa qed jammeti li agixxa imma mhux *a nome proprio*.

"F'dan l-isfond ta' l-azzjoni u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan ifisser biss li anke fin-nuqqas ta' spjegazzjoni mill-konvenut dwar l-agir tiegħu, kien il-konvenut wahdu u tramite s-socjetà konvenuta li kienu l-awturi ta' l-istess allegat spoll li f'din il-kawza gew pruvati l-elementi kollha tiegħu;

"Illi dan iwassal għall-konkluzjoni li l-atturi ippruvaw a sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-elementi kollha rikjesti f'azzjoni ta' spoll, kif digà spjegat aktar il-fuq, gew kollha sodisfatti u l-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw illi huma għandhom jew kellhom xi pussess fuq l-art *de quo*.

"Illi di più jirrizulta li din l-art *de quo* tifforma parti mill-art magħrufa bhala *ic-Cens tas-Sgħajtar* limiti tan-Naxxar u qegħda fil-pussess ta' l-atturi, u li l-azzjoni ta' spoll giet

ipprezentata fi zmien xahrejn minn meta sar l-allegat spoll u li l-pussess ta' l-atturi fuq din l-art gie mfixxkel.

"Illi mill-provi prodotti u a bazi tal-principju ta' verosimiljanza kif fuq spjegat, jirrizulta ghalhekk li l-konvenut u s-socjetà konvenuta kienu b'dan il-mod premess responsabbli ghal dan l-ispoll.

"Illi ghalhekk din il-Qorti minghajr ebda esitazzjoni jidrilha illi l-att spoljattiv gie kommess mill-konvenuti fil-konfront ta' l-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqughha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut proprio et nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhasssra, revokata u kancellata s-sentenza appellata billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tieghu u billi jigu michuda it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u talbu, fil-kliem testwali ta' l-istess risposta,
"… illi l-konvenut appellant jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' dan l-appell b'spese doppji stante l-frivolità u l-abbuz tas-sistema gjudizzjarja u dana ghaz-zewg istanzi u s-sentenza tal-14 ta' Novembru, 2000 tigi kkonfermata in toto";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, l-aggravji ta' l-appellant proprio et nomine huma s-segwenti:
1. "Id-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba attrici hiha *extra petita* u/jew *ultra petita*, u fi kwalunkwe kaz l-ewwel talba attrici ma setghetx tintlaqa' kif ifformulata";

2. “L-atturi ma ppruvawx il-pussess taghhom, u anzi bil-provi taghhom ippruvaw il-pussess tal-konvenut”;

3. “Nuqqas assolut ta’ provi li jidentifikaw lill-persuna jew persuni li waddbu r-ramel *de quo*”;

4. “Ma jirrizultax b’liema mod ghandu s-sejbien ta’ ramel fi proprjetà jikkostitwixxi prova ta’ spoll; kellha semmaj tigi ezercitata l-*actio manutentionis*”;

5. “L-Ewwel Onorabbli Qorti invertiet l-oneru tal-prova taz-zmien li fih sehh l-allegat spoll b’mod ingustifikat”;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi hija tiddeplora l-fatt illi, in vista ta’ dak illi ddepona l-attur Carmelo Magro quddiem dina l-Qorti fuq inizjattiva u talba taghha waqt l-udjenza tat-tmienja (8) ta’ Gunju, 2004, l-atturi ma kkunsidrawx illi huwa opportun illi jiddikjaraw illi l-meritu tat-talbiet taghhom huwa ezawrit u illi, konsegwentement, ma kkunsidrawx illi kien opportun ukoll illi jirrinunzjaw ghall-meritu. Dan qed jinghad ghaliex dina l-Qorti hija konvinta illi fil-mori tal-proceduri quddiemha - u possibilment anke qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata - ir-ramel kollu illi dwaru qed jillamentaw l-atturi appellati kien tnehha, almenu sakemm huwa umanament possibbli. Dan konstatat, huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi illum ma hemm lok ghal ebda provvediment dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici u, konsegwentement, anqas hemm lok ghal provvidement dwar l-ewwel (1) talba attrici; permezz ta’ din l-ahhar imsemmija talba l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni illi bit-tfiegh ta’ l-imsemmi ramel gie kommess spoll mill-appellanti; tali dikjarazzjoni ma fadlilha ebda utilità;

Ikkunsidrat:

Illi jibqa’ biss illi jigi determinat min ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza;

Illi dina l-Qorti ma tezitax illi tiddikjara illi ebda wiehed mill-aggravji ta’ l-appellant ma huwa fondat. L-ewwel (1) aggravju mhux fondat ghaliex, ghalkemm fl-ewwel (1) talba taghhom l-atturi ma talbux illi jigi dikjarat illi l-ispoll gie kommess mill-konvenuti, qabel l-ewwel talba l-atturi talbu lill-Qorti sabiex taghmel kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna. It-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) aggravji ta’ l-appellant kollha jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul mill-ewwel Qorti u dina l-Qorti, wara illi ezaminat dawn il-provi, ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tagghom - u l-konkluzjonijiet relattivi - maghmul fis-sentenza appellata. Il-hames (5) u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant huwa manifestament infondat ghaliex mhux minnu illi l-Qorti invertiet l-oneru tal-prova ghal dak illi jirrigwarda l-kwistjoni jekk l-azzjoni attrici giet ezercitata *entro* xahrejn mid-data illi fiha gie kommess l-allegat spoll. Huma l-atturi illi allegaw illi sar spoll anqas minn xahrejn qabel ma intavolaw il-kawza u huma l-atturi biss illi, fid-djarazzjoni annessa ma’ l-att ta’ citazzjoni, konfermata bil-gurament mill-attur Carmelo Magro, ressqu l-prova illi dan l-ispoll gie kommess anqas minn xahrejn qabel ma giet intavolata l-kawza. Dwar din il-materja l-konvenut baqa’ sieket;

Illi, la darba l-aggravji avanzati fl-appell interpost huma infondati, ma hemmx lok illi jigi varjat il-kap ta’ l-ispejjez tas-sentenza appellata;

Illi, però, in vista ta’ dak illi inghad aktar ’l fuq, jigifieri illi kien biss b’inizjativa ta’ dina l-Qorti illi ttrapela illi l-meritu tal-kawza huwa ezawrit, huwa xieraq illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti. L-atturi appellati kienu jkunu aktar korretti u kienu juru aktar rispett lejn is-“sistema gjudizzjarja” kieku, minflok ma fir-risposta ta’ l-appell taghhom talbu “… illi l-konvenut appellant jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta’ dan l-appell b’spese doppji stante l-frivolità u l-abbuz tas-sistema gjudizzjarja …”, irrinunzjaw ghall-meritu tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, stante illi l-meritu tal-vertenza gie ezawrit fil-mori tal-proceduri quddiemha, tiddikjara illi l-akkoljiment tat-talbiet attrici fis-sentenza appellata ma ghandux ikollu aktar effett, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tal-meritu tal-kawza u tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ordnat illi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jigu sopportati mill-konvenuti;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs ($^{1}/_{2}$) mill-atturi appellati solidament bejniethom u kwantu ghal nofs ($^{1}/_{2}$) mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------